## JUM L-AHHAR HAQQ

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Tal-biża', tat-twerwir u qilla kbira
ikun il-jum tal-ħaqq. Mifxul u mriegħed,
min għasar demm il-fqir tħammru t-tifkira
u s-saħta f'dak il-għajb ma' ismu mqiegħed.

Jum tat-tkexkix għal min għamel ilsira
ta' ġismu lil mart għajru, għal min wiegħed
ġenna ta' l-art u daħak b'tifla fqira
li ħalla tul is-snin tibki u titniehed.

Ifeġġ il-jum ta' rebħ għal min bla ħtija
xeħtuh il-ħabs, qerduh, littmu 'l uliedu,
għal min, għax ħabb lill-fqir, bata l-moħqrija.

Dinja misħuta, għad jasal il-jum tiegħek
u tħallas talli fnejt l-eroj li riedu
jikxfu wiċċek qarrieq u ssieltu miegħek!

## ID-DAR

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Bejta ta' mħabba fejn il-qlub ferħana
jgħixu fis-sliem, henjin fix-xemx tal-ħajja,
int taf il-ħlewwa, il-ferħ u l-mewġ tal-għana
li jfawwar f'dawk il-qlub; u taf il-ġrajja

ta' dmugħ u għaks meta l-ulied kotrana
jingabru madwar mejda, hekk bħal qtajja'
għasafar żgħar li, imsejkna, il-frak tagħna
jixxennqu u ma jsibuhx fl-egħlieqi u l-plajja.

Hemm f'qalbek moħbijin fl-ikbar misterju
il-ħajja u l-mewt. Int tifraħ fi twelidna
u tibki t-tluq qalil għaċ-ċimiterju.

Int tilqa' wlied l-ulied minn żmien għal żmien...
u waqt li nħallu fik ħajjitna u ġidna,
tilmaħ dil-bidla, siekta... bla waqfien.



## BLACKIE

*Ta'* A. Cremona

*(Jaqbad man-Numru ta' qabel mill-paġna 91)*

Wara xi siegħa u nofs, b'qalbhom ittaqtaq bil-biża' li jiltaqgħu ma' xi xkiel ta' attakk mill-ajru għalgħarrieda, sabu ruħhom fid-dar iċ-ċkejkna ta' l-Imdina.

Blackie, malli sab ruħu meħlus minn dak l-għeluq ta' ġewwa ċ-ċurniena, bla ma jaf kif u l-għala, beda jdur 'l hawn u 'l hinn ifittex b'għajnejh u bin-naska l-irkejjen ta' dari; ħarstu jdawwarha 'l hawn u 'l hinn: lejn il-ħitan, is-saqaf, u l-iktar lejn il-fetħa ta' l-isprall tal-kantina l-ġdida. Għalkemm xamm ir-riħa ta' l-ikel, bħalma kien ixomm fid-dar fejn kien trabba, beda jintebaħ li kienu ġibuh taħt saqaf ieħor. Hu xejn ma fettex, bħal dari, li jmur jitmelles ma' riġlejn Delina jew Rożina, jew imur f'ħoġorhom, jew imur jitrekken għas-sħana tal-kuċiniera. Hsiebu kien band'oħra, ifittex xi tieqa għal barra. Għalxejn dawk iż-żewġt ibniet kienu jerfgħuh f'ħoġorhom u jżiegħlu bih: għalih kienu donnhom nies barranin, moħħu biex jiżloq minn taħt idejhom u jxammam 'l hawn u 'l hinn, iwaqqaf widnejh għal kull ħoss li jisma' u jingħi.

"Dak il-qattus moħħu barra. Ara, Delina, li ma jaħrablekx, għax jekk joħroġ ma nsibuhx iżjed", dlonk qabżet tgħid l-omm meta rat lil Delina terħi minn idejha l-qattus, u dan ħabat sa jitla' t-taraġ tal-kantina.

Delina u Rożina ftiehmu, għalhekk, li jagħlqu l-qattus taħt it-taraġ tal-kantina sakemm jidra, qalu huma. Iżda wara li xeħtuh hemmhekk, il-qattus beda jingħi u jħarbex il-bieb b'saqajh, u kellhom joħorġuh. Tellgħuh fil-kmamar ta' fuq, fuq is-sodda, imma l-qattus ma kellu sabar joqgħod imkien; tellgħuh fuq il-bejt—dejjem f'idejn Delina u Rożina. Minn dak il-għoli, Blackie tafa' l-ħarsa tiegħu lejn dik il-medda raba' kollha ħdura u għorof, għoljiet u bini ta' rħula, u fil-bogħod 'il bogħod, bini ta' bliet u kampnari jmissu mas-sema li kien beda jintefa u jinħeba fiċ-ċpar irmiedi ta' fil-għaxija meta x-xemx kienet qiegħda tgħib ftit ftit min-naħa ta' l-Imtarfa. Il-ħarsa tal-qattus b'dawk l-għajnejn ileqqu u jibru kienu jagħtuk x'taħseb li kien qiegħed ifittex dik id-dar li issa kienu firduh minnha bix-xewqa kbira li jarġa' jithenna bl-irkejjen u bl-inħawi tagħha li qalbu kienet qiegħda tixxennaq għalihom.